IL-KUMMISSJONI EWROPEA
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦAT-TASSAZZJONI U L-UNJONI DOGANALI
ID-DIRETTORAT ĠENERALI GĦALL-KUMMERĊ

Brussell, l-4 ta' Ġunju 2018

# AVVIŻ LILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TA-UE FIL-QASAM TAD-DWANA U TAL-KUMMERĊ BARRANI

## ORIĠINI PREFERENZJALI TAL-MERKANZIJA

Fid-29 ta' Marzu 2017, ir-Renju Unit ressaq in-notifika tal-intenzjoni tiegħu li joħroġ mill-Unjoni skont l-Artikolu 50 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. Dan ifisser li, sakemm ma jkunx hemm ftehim ratifikat dwar il-ħruġ [1] li jistabbilixxi data oħra, il-liġi primarja u sekondarja kollha tal-Unjoni tieqaf tapplika għar-Renju Unit mit-30 ta' Marzu 2019, 00:00h (CET) ("id-data tal-ħruġ").[2] Ir-Renju Unit imbagħad isir "pajjiż terz"[3].

It-tħejjija għall-ħruġ mhijiex biss kwistjoni għall-awtoritajiet tal-UE u dawk nazzjonali iżda wkoll għall-partijiet privati.

L-atturi ekonomiċi huma mfakkra[4] bir-riperkussjonijiet legali li jikkonċernaw ir-regoli tal-oriġini għal trattament preferenzjali tal-merkanzija, li jeħtieġ li jiġu kkunsidrati meta r-Renju Unit isir pajjiż terz[5].

B'mod partikolari, b'seħħ mid-data tal-ħruġ, **l-arranġamenti kummerċjali preferenzjali tal-UE ma' pajjiżi terzi fil-qasam tal-politika kummerċjali komuni u tad-dwana ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit[6].**

---

[1] Għaddejjin negozjati mar-Renju Unit bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim dwar il-ħruġ.

[2] Barra minn hekk, f'konformità mal-Artikolu 50(3) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, il-Kunsill Ewropew, bi ftehim mar-Renju Unit, jista' b'mod unanimu jiddeċiedi li t-Trattati jieqfu japplikaw f'data aktar tard.

[3] Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

[4] Dan l-avviż jikkumplimenta l-informazzjoni dwar ir-regoli tal-oriġini fl-"*Avviż lill-partijiet ikkonċernati – Il-ħruġ tar-Renju Unit u r-regoli tal-UE fil-qasam tad-dwana u tat-tassazzjoni indiretta*" tat-30 ta' Jannar 2018 (https://ec.europa.eu/info/brexit/brexit-preparedness_mt).

[5] Għal ċerti movimenti ta' merkanzija/oġġetti li jkunu bdew qabel u li jintemmu fid-data tal-ħruġ jew wara, l-UE għandha l-għan li ssib soluzzjonijiet mar-Renju Unit fil-ftehim dwar il-ħruġ abbażi tal-pożizzjoni tal-UE dwar kwistjonijiet relatati mad-Dwana li huma meħtieġa għall-ħruġ ordnat tar-Renju Unit mill-Unjoni (https://ec.europa.eu/commission/publications/position-paper-customs-related-matters-needed-orderly-withdrawal-uk-union_en). Id-dokument ta' pożizzjoni jindirizza wkoll il-proċeduri ta' kooperazzjoni amministrattiva bejn l-UE-27 u r-Renju Unit fid-data tal-ħruġ jew wara dwar il-fatti li seħħew qabel id-data tal-ħruġ (pereżempju, l-assistenza reċiproka relatata mal-verifika ta' provi tal-oriġini). Madankollu, dawn l-arranġamenti se japplikaaw biss jekk ftehim dwar il-ħruġ jiġi ffirmat u ratifikat mill-UE u mir-Renju Unit qabel id-data tal-ħruġ.

## 1. SFOND DWAR L-ORIĠINI PREFERENZJALI

Bħala parti minn politika kummerċjali komuni tal-UE, l-UE għandha **arranġamenti kummerċjali preferenzjali** ma' pajjiżi terzi, bħal Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles (FTAs) u l-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi[7] (GSP)[8].

**Merkanzija esportata mill-UE** tista' tibbenefika mit-trattament tariffarju preferenzjali f'pajjiż sieħeb fl-FTA tal-UE meta jkollha oriġini preferenzjali fl-UE, jiġifieri, din tkun "miksuba kompletament" fl-UE jew tkun manifatturata fl-UE, totalment jew parzjalment minn materjali li huma soġġetti għal xogħol jew ipproċessar li jissodisfaw ċerti rekwiżiti ("ir-regoli speċifiċi għall-prodotti").

**Merkanzija importata fl-UE** minn pajjiżi terzi li magħhom l-UE għandha arranġamenti kummerċjali preferenzjali tirċievi trattament tariffarju preferenzjali jekk tikkonforma mar-regoli preferenzjali tal-oriġini. Għall-fini tad-determinazzjoni tal-oriġini preferenzjali ta' merkanzija manifatturata f'pajjiż terz li miegħu l-UE għandha arranġament kummerċjali preferenzjali, l-inputs li joriġinaw fl-UE (materjali u, f'xi arranġamenti, operazzjonijiet ta' pproċessar) inkorporati f'dik il-merkanzija huma kkunsidrati li joriġinaw f'dak il-pajjiż terz (akkumulazzjoni tal-oriġini).

Ir-regoli u l-proċeduri għad-**determinazzjoni tal-oriġini preferenzjali** jinsabu fl-arranġamenti kummerċjali preferenzjali rispettivi u jistgħu jvarjaw skont dawn l-arranġamenti[9]. Għad-determinazzjoni tal-oriġini preferenzjali, l-UE hija kkunsidrata bħala territorju uniku, mingħajr ma ssir distinzjoni bejn l-Istati Membri. Għalhekk, l-inputs tar-Renju Unit (materjali jew operazzjonijiet ta' pproċessar) attwalment jitqiesu bħala "kontenut tal-UE" għad-determinazzjoni tal-oriġini preferenzjali tal-merkanzija.

**L-oriġini tal-merkanzija hija ċċertifikata** kemm mill-awtoritajiet governattivi (iċ-ċertifikati tal-oriġini") jew mill-esportaturi infushom (soġġetta għal awtorizzazzjoni minn qabel jew reġistrazzjoni), permezz ta' "dikjarazzjonijiet" jew "stqarrijiet" dwar l-oriġini magħmula fuq dokumenti kummerċjali. L-oriġini tal-merkanzija tista' tkun soġġetta għal verifika mill-parti li qed tesporta fuq talba mill-parti li qed timporta.

6 F'każ li jintlaħaq ftehim dwar l-arranġamenti tranżitorji fiftehim eventwali dwar il-ħruġ , l-Unjoni se tinnotifika lill-partijiet l-oħra tal-ftehimiet internazzjonali (inklużi l-ftehimiet li jipprovdu għal trattament tariffarju preferenzjali) konklużi mill-Unjoni, jew mill-Istati Membri f'isimha jew mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha li jaġixxu b'mod konġunt li, matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-Renju Unit se jiġi trattat bħala Stat Membru għall-finijiet ta' dawn il-ftehimiet.

7 http://ec.europa.eu/trade/policy/countries-and-regions/development/generalised-scheme-of-preferences/index_en.htm.

8 Fir-rigward tal-kwistjonijiet stabbiliti f'dan l-avviż (l-effett tal-input tar-Renju Unit meta jiġi ddeterminat l-oriġini preferenzjali għal trattament tariffarju), it-trattamenti tariffarji preferenzjali fl-Iskema Ġeneralizzata ta' Preferenzi fil-prattika jistgħu jkunu inqas rilevanti minn Ftehimiet ta' Kummerċ Ħieles. Madankollu, għall-finijiet ta' kompletezza, iż-żewġ aspetti huma indirizzati f'dan l-avviż.

9 Lista tal-arranġamenti preferenzjali kollha tal-UE ma' pajjiżi terzi hija disponibbli hawnhekk: https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/calculation-customs-duties/rules-origin/general-aspects-preferential-origin/arrangements-list_en.

Biex jipprovdi evidenza dwar il-konformità mar-rekwiżiti tal-oriġini, l-esportatur jikseb dokumentazzjoni ta' prova mingħand il-fornituri tiegħu (bħad-"dikjarazzjonijiet tal-fornitur") li tippermetti t-**traċċabilità** fl-UE tal-proċessi tal-produzzjoni u l-provvisti tal-materjali sal-esportazzjoni tal-prodott finali[10].

## 2. KONSEGWENZI TAL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT

B'seħħ mid-data tal-ħruġ, ir-Renju Unit isir pajjiż terz li l-arranġamenti kummerċjali preferenzjali tal-UE ma' pajjiżi terzi jieqfu japplikaw għalih. L-inputs tar-Renju Unit (il-materjali jew l-operazzjonijiet ta' proċessar) huma kkunsidrati bħala "mhux oriġinarji" skont arranġamenti kummerċjali preferenzjali, għad-determinazzjoni tal-oriġini preferenzjali tal-merkanzija li tinkorpora dawk l-inputs. Dan ifisser dan li ġej:

- **Merkanzija esportata mill-UE:**

  B'seħħ mid-data tal-ħruġ, pajjiż sieħeb fil-ftehim ta' kummerċ ħieles tal-UE jista' jikkunsidra li merkanzija li għandha oriġini preferenzjali tal-UE qabel id-data tal-ħruġ ma tibqax tikkwalifika fil-mument tal-importazzjoni tagħha f'dak il-pajjiż terz, minħabba inputs tar-Renju Unit li ma jiġux ikkunsidrati bħala "kontenut tal-UE".

  B'seħħ mid-data tal-ħruġ, fil-każ ta' verifika tal-oriġini tal-merkanzija esportata lejn pajjiż terz bi trattament preferenzjali, l-esportaturi fl-UE-27 jistgħu, jekk jintalbu minn dak il-pajjiż terz, ikollhom jipprovaw l-oriġini tal-UE tal-merkanzija b'kont meħud li l-inputs tar-Renju Unit ma għadhomx jgħoddu bħala "kontenut tal-UE".

- **Merkanzija importata fl-UE:**

  L-inputs tar-Renju Unit inkorporati f'merkanzija miksuba f'pajjiżi terzi li l-UE għandha arranġamenti kummerċjali preferenzjali magħhom u importata fl-UE mid-data tal-ħruġ 'il quddiem se jkunu "mhux oriġinarji", b'mod partikolari fil-kuntest ta' akkumulazzjoni tal-oriġini mal-UE.

  B'seħħ mid-data tal-ħruġ 'il quddiem, f'każ ta' verifika tal-oriġini tal-merkanzija importata fl-UE, l-esportatur f'pajjiżi terzi jista' jkollhom jagħtu prova tal-oriġini preferenzjali tal-UE tal-merkanzija importata.

## 3. AVVIŻ LILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

- **Merkanzija esportata mill-UE:**

  Sabiex jindirizzaw il-konsegwenzi msemmija hawn fuq, l-esportaturi u l-produtturi tal-UE-27, li beħsiebhom jitolbu trattament tariffarju preferenzjali f'pajjiż sieħeb fl-FTA tal-UE mid-data tal-ħruġ 'il quddiem, huma mħeġġa li:

  - jittrattaw kwalunkwe input tar-Renju Unit bħala "mhux oriġinarji" meta jiddeterminaw l-oriġini preferenzjali tal-UE tal-merkanzija tagħhom; u

[10] Għal dan il-għan, l-esportaturi u l-produtturi tal-UE jużaw sistemi ta' kontabilità i ddedikati, rekords u dokumenti ta' prova, li huma fil-pussess tagħhom fl-UE.

- jieħdu passi xierqa biex ikunu jistgħu jipprovaw l-oriġini preferenzjali tal-UE tal-merkanzija tagħhom, f'każ ta' verifika sussegwenti, mingħajr ma jqisu l-inputs tar-Renju Unit bħala "kontenut tal-UE".

- **Merkanzija importata fl-UE:**

  L-importaturi tal-UE-27 huma mħeġġa jiżguraw li l-esportatur jista' jagħti prova tal-oriġini preferenzjali tal-UE tal-merkanzija importata, b'kont meħud tal-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit.

Is-siti web tal-Kummissjoni dwar it-tassazzjoni u l-unjoni doganali (https://ec.europa.eu/taxation_customs/business/calculation-customs-duties/rules-origin/general-aspects-preferential-origin_en) u dwar il-kummerċ barrani (Bażi tad-*Data* tal-Aċċess għas-Suq) (http://madb.europa.eu/madb/rulesoforigin_preferential.htm) jipprovdu aktar informazzjoni dwar l-oriġini preferenzjali tal-oġġetti. Il-paġni rilevanti se jiġu aġġornati b'informazzjoni addizzjonali, kull meta disponibbli.

Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għat-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali
Id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ